Kunsill Lokali | Local Council

Ix-Xewkija

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**AĠENDA Numru 18**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali,

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 18 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar l-Erbgħa, 7 ta' Mejju 2025 **fl-erbgħa u nofs (4.30pm).**

Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.

IFFIRMATA 3 ta' Mejju,2025

**Heidi Grech**

Agent Segretarju Eżekuttiv

---

AĠENDA

18.1 Talba

18.2 Qari tal-ittri ta' apoloġija;

18.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 17 u Skeda ta' pagamenti No 4;

18.4 Komunikazzjoni mis-Sindku u tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

18.5 Audited Financial Statements 2023;

18.6 Attivitajiet relatati mall-Festa;

18.7 Attivitajiet Soċjo-Kulturali;

18.8 Ħruġ u għoti ta' Offerti;

18.9 Qari tal-Korrispondenza u lmenti mir-residenti;

18.10 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Kunsill Lokali

Local Council

Ix-Xewkija

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 18**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

Il-Kunsill Lokali ix-Xewkija iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq Santa Katerina, Xewkija nhar l-Erbgħa, 7 ta' Mejju 2025. Il-Laqgħa bdiet fl-16:30.

PREŻENTI:

Simona Refalo – Sindku

Paul Azzopardi – Viċi Sindku

Josef Charles Hili – Kunsillier

Jeanelle Attard – Kunsillier

George Żammit – Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (skond ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Heidi Grech – Aġent Segretarju Eżekuttiv

SR

**18.1 Talba**

Intqagħlet talba tal-bidu flimkien. Is-Sindku s-Sa. Simona Refalo ippresediet l-laqgħa.

**18.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

Il-membri kienu kollha preżenti.

**18.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 17 u Skeda ta' Pagamenti 4;**

Il-minuti tal-Laqgħa Nru 17 ġew moqrija, approvati, ffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċċjali. L-Iskeda ta' pagamenti Nru 4 ġew iċċirkolati minn qabel u għalhekk kienu meqjusa moqrija. Dawn ġew approvati unanimament.

**18.4 Komunikazzjoni mis-Sindku u tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

L-Attivita' bl-isem Fior D'Argento ser terġa ssir. Is-Sindku nfurmat lill-membri li l-Kunsill ikkwalifika għal €15,800 mid-DLG. L-Għaqda tal-Banda ser japplikaw ukoll għall fondi mal-MGP.

Is-Sindku infurmat lill-membri li ltaqat mal-Hydrolux u l-għada ser jiġu jagħmlu x-xogħol biex tiġi ndirizzata l-problema tad-dranaġġ. Ġie ssuġġeriet li li jittieħed sample mill-ilma minn ħdejn il-Club biex jiġu tested mill-WSC, kif ukoll li jsir il-maintenance tal-madum li qed jinqala fil-pjazza.

Is-Sindku semmiet li hemm xi partijiet ta' madum mkisser fil-Pjazza li hemm bżonn li jitranġa qabel il-festa. Semmiet ukoll li wara nitolbu BOQ lil Perit biex naraw xi spiża tinvolvi biex isir il-maintenance li hemm bżonn fil-Pjazza minħabba li hemm bżonn jitranġa r-rubber u l-madum tal-ġenb. Kien hemm qbil dwar dan.

Il-Kunsilliera Jeannelle Attard semmiet il-bżonn li jsir tindif tal-ġibjun għaliex meta tagħmel ix-xita r-residenti tal-madwar qed jgħerrqu fl-ilma. Semmiet ukoll il-bżonn li jitnaqqas id-dawl li hemm mal-ġibjun. Ġie deċiż li l-Kunsill jieħu ħsieb li jsir il-manutenzjoni tal-madum tal-Pjazza, kif ukoll li napplikaw għall-iskema SPI/SCI/06/2025 sabiex isir it-tindif u l-manutenzjoni tal-ġibjun u tad-dwal tiegħu.

Ġie deċiż ukoll li l-Kunsill japplika għall-iskema SPI/SCI/07/2025 sabiex isir l-upgrading tal-isqaqin. Il-Perit tal-Kunsill għandu pjanti u d-DNO's lesti. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard semmiet ukoll il-bżonn li jsir xogħol fuq ix-Xelter tal-Pjazza. Kien hemm qbil li nikkunsidraw ix-Xelter għal skema oħra.

Il-Kunsillier Paul Azzopardi semma wkoll il-problema tal-ilma fi Triq San Bert li għandha bżonn tiġi kkumlikata mal-Culvert ta Mgarr Road, għaliex dan xħin ser jinbena aktar, se tkun problema. Dan biex din il-problema tissemma mal-Ministeru sabiex tiġi ndirizzata.

Is-Sindku tkellmet ma TM u dwar il-One ways. Infurmat lill-membri li TM ma jaqblux li li Triq l-Indipendenza ssir l-fuq u l-Mitħna tinżel l-isfel. TM jissuġġerixxu li minn Triq l-Indipendenza tinżel l-isfel u minn Triq il-Mitħna jitilgħu l-fuq.

Triq Santa Elizabetta tibqa kif inhi pero' trid tinbidel l-parti ta' triq li tagħti għal Triq il-Mitħna. Triq Guże D'Amato ssir one way il-ġewwa. Ġie diskuss li r-residenti iriduha one-way Triq l-Indipendenza u biex issir, trid issir ukoll one-way Triq il-Mitħna. Il-Perit se jagħmel l-existent u l-proposal plan. Kien hemm qbil unanimu biex dan isir u l-pjan jiġi applikat bi prova.

Il-Kunsillier Josef Ħili staqsa dwar min waħħal l-arbli tal-Barmil. Is-Sindku wieġbet li l-Kunsill.

Il-Viċi Sindku staqsa dwar Bus Stop ħdejn Saminu Bakery – Se jkun qed jiċċekja dwarha.

SR
HM

Is-Sindku nfurmat li l-uniku CCTV's li se toħroġ ċitazzjoni awtomatika hija dik tal-Pjazza u tagħmel dan meta jgħaddu *heavy vehicles* li mhux suppost jgħaddu. Dawk il-cameras li se jsiru ħdejn il-VPA mhux se joħorġu ċitazzjonijiet.

### 18.5 *Audited Financial Statements* għas-sena 2023

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u spjegat l-Financial Statements għas-sena 2023. Dan ir-rapport finanzjarju ġie approvat unanimament u għalhekk ġie ffirmat mis-Sindku u l-Agent Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku semmiet kemm hu mportanti li jkollna l-kotba finanzjarji updated. Il-Viċi Sindku semma l-bżonn li nimxu b'kawtela speċjalment minħabba li għadhom ma ngħalqux il-kotba finanzjarji tas-sena 2024.

### 18.6 Attivitajiet Relatati mal-Festa

Is-Sindku semmiet li qed nirċievu t-talbiet għall-Kollaborazzjoni mal-għaqdiet, għaż-żmien tal-Festa. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard semmiet li l-aħħar sena l-Kunsill ikkolabora mal-Kumitat Ċentrali. Wara li ġew diskussi t-talbiet kollha, ġie maqbul li l-Kunsill jikkolabora ma dan li ġej. Il-Viċi Sindku spjega li mill-esperjenza tiegħu qegħdin nimxu fl-għama u hu ma jaqbilx li l-Kunsill joħroġ dawn il-fondi meta ma jafx x'inhi pożizzjoni finanzjarja tiegħu.

- Programm tal-Ħamrija u Ġibjun għal marċ tal-Erbgħa – Il-Kunsill jipprovdi l-mobile toilets sa massimu ta' €200;
- Il-provediment tal-bnadar(500 waħda) sa massimu ta' €600;
- Kien hemm qbil li l-bar fit-tiġrija jittella miż-żgħażagħ;
- Il-provediment tal-Feature tal-festa sa massimu ta' €1765;
- Kollaborazzjoni mal-Kumitat Ċentrali għall-provediment tas-sound u screen sa massimu ta' €4,999 għat-tlett ijiem;
- Il-provediment ta' 3 bollards neqsin mill-Pjazza għaliex il-karozzi qed jidħlu;
- Il-provediment tal-feature sa massimu ta' €1000 li jorganizzaw iż-żgħażagħ;
- Sa massimu ta' €250 għal provediment tas-siġġijiet – Għaqda Armar;
- Kollaborazzjoni mal-Għaqda tan-nar sa massimu ta' €4,999;
- Il-Provediment tal-ġelat sa massimu ta' €500 għal Festa Tfal;
- Inkopru l-Banda ta' Festa Tfal kif ukoll il-Confetti u €150 għan-nar tal-istess marċ;
- Jieħu ħsieb il-Programm Musikali tal-Banda sa massimu ta' €3,000.
- Jinħaddmu 60 tabella tal-Puluzija għodda għal-għaqdiet.

Ġie maqbul ukoll li jitwaqqaf is-servizz ta' Hop on Hop off minn l-ewwel ġimgħa ta Ġunju sal-aħħar ġimgħa ta' Lulju biex ikun jista jsir l-armar mill-Għaqda Armar. Il-Kunsill se jieħu ħsieb li jsiru l-Bins fil-Pjazza. Kien hemm qbil ukoll li ġimgħa qabel il-festa l-Pjazza tingħalaq għat-traffiku u mill-Ħamis fil-Pjazza jitneħħew il-karozzi mill-Pjazza.

### 18.7 Attivitajiet Soċjo-Kulturali

Kien hemm qbil li napplikaw għal Skema SCI/SPI/05/2025 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Karnival 2026.

### 18.8 Ħruġ u għoti ta' Offerti

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-Kunsill irċieva l-lista kandidati li applikaw għal vakanza ta' Segretarju Eżekuttiv u li għażlu l-lokalita' tax-Xewkija bħala l-ewwel preferenza tagħhom. Kien hemm qbil li l-bord tal-għażla għandu jkun kompost mis-Sindku, l-Minority Leader s-Sur Josef Ħili

SR MM

kif ukoll mill-Kunsillier George Zammit. Kien hemm qbil sabiex l-interviews isiru s-Sibt, 17ta' Mejju 2025, b'laqgħa urġenti li ssegwi dritt wara.

*18.10 Il-Kunsillier Josef Ħili skuża ruħhu u ħareġ mill-kamra.*

L-Agent Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li għada, 8 ta' Mejju se jagħlqu t-tender tal-blokok tac-cement għat-tigrija kif ukoll l-equoation tat-tindif tal-festa u t-tiġrija. Il-membri tal-bord ta' evalwazzjoni tat-tender se jkun kompost minn Ing. Cauchi, Dr. Daniel Calleja u Dr. Jonathon Mintoff filwaqt li l-bord ta' evalwazzjoni tal-equotation se jkun kompost minn Ing. Cauchi, Dr. Daniel Calleja u Joseph Dingli. Minħabba li ż-żmien huwa limitat, ġie maqbul li se ssir komunikazzjoni mal-membri via emails sabiex r-rapport tal-bord ta' evalwazzjoni jkun jista jiġi approvat.

L-Agent Segretarju Eżekuttiv ippreżentat ir-rapport ta' Evalwazzjoni dwar it-*Tender for street sweeping and cleaning of Urban Roads using low emission service vehicle – Xewkija Local Council – XLC/01/2025.* Dan ir-rapport qed jirrakkomanda li l-offerta tingħata lil Sultech Ltd għas-somma ta' €124,948.80 (vat eskluż) peress li hija dik l-offerta compliant u l-aktar vantaġġjuża. Il-Kunsill approva dan ir-rapport ta' evalwazzjoni.

**18.9 Qari tal-Korrispondenza u Imenti mir-residenti;**

- Help for Activity for Celebration Day June 1st for the football team under 16

- National Stem Community Fund 2025

- Cirk AKL2023/045_Skema LESA – Fondi għall-Infurzat waqt l-attivitajiet Lokali

- Finanzjament Karnival – Claims – SPI/SCI/08/24

- Verifika u Aġġornament tal-Informazzjoni dwar Open Air Gyms fil-lokalitajiet madwar Malta u Għawdex

- Gozo 100 Bus Event – Se ssir fis-17 ta' Mejju

- Cirk AKL2025/09 – Urgent Action on Pending PA Funded Projects

- Miżaura tal-Budget dwar is-Saħħa Mentali – Kors għar-residenti

- Oasi Foundation Cup Run and Fun Walk 2025

-The Gozo Airfield Book – il-ġrajja tal-mitjar f'Għawdex li nbena fil-gwerra fi ħmistax il-jum f'Ġunju 1943. €12 il-ktieb. Kien hemm qbil li nixtru 2 kotba

-Se ssir performance minn Marvic Gauċi ġewwa l-iskola Primarja tax-Xewkija nhar l-1 ta' Ġunju fil-11.am.

- Se ssir ikla tradizzjonali fil-Pjazzatta tal-Ġibjun, Xewkija. Il-Kunsill se jieħu ħsieb li jagħlaq it-triq mis-19.00 sa 00.00

- Ċirkulari 02/2025 – Dettalji ta' Kuntatt – Diviżjoni tal-Gvern Lokali

- Minn Pjazza għal Pjazza

**Ilmenti u talbiet**

- Talba għal shifting ta' lampa – Venere, Triq Ġokk Xewkija

- Talba għal Sleeping police fi:

Triq il-Ħġejjeġ – Se terġa tiġ diskussa

SR MM

Triq Lorenzo Zammit Haber – TM infurmana li din kienet diġa approvata u allura tista terġa ssir.

Triq Mallia Vernon Street – se terġa tiġi diskussa

Triq Sannat (ħdejn il-kajselli) – nibgħatu t-talba lil MGP

Talba mill-iskola biex issir sleeping police ħdejn l-iskola u tfakkira għall-barriers. – se terġa tiġi diskussa

- Talba sabiex Triq l-Indipendenza ssir One-Way;
- Talba biex issir disabled parking quddiem residenza 165, Triq San Bert. Kien hemm qbil li din issir pero għandha tkun għal kulħadd u mhux bin-numru partikolari;
- Talba għal linji sofor faċċata ta residenza FredRose. Ta' Ġokk;
- Talba għal linji sofor faċċata ta' garaxx, 84 Triq is-27ta' Novembru 1678
- Talba biex jitnaddfu r-roundabouts ta' Triq Ħamrija;
- Talba biex jinżabbru s-siġar ta' Triq Widnet il-Baħar kif ukoll tal-bandli tal-Ħamrija;
- Talba biex isir patching fi Triq ta Gidi;
- Talba għal mera fi Triq Ġuze D'Amato
- Talba biex jitneħħa railing minn mal-bankina li jinsab fi Triq Ċanga;
- Talba għal Unloading quddiem is-showroom Sare Marbles;
- Talba għal konkos mal-bankina fi Triq Zammit Ħaber;
- Talba biex jingħata isem lil isqaq Mgarr Road Junction 1;
- Talba għal sinjali sofor quddiem bank fi Triq San Ġwann;
- Talba biex jissaqqew il-pjanti li hemm fi Ġnien il-Ħaddiem.

**18.10 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fit-18.50pm u ġiet aġġornata għall-Ġimgħa, 27 ta' Ġunju 2025 fl-16.30.

Konfermati illum 27/06/2025

Simona Refalo
Sindku

for. ~~Heidi Grech~~
~~Aġent~~ Segretarju Eżekuttiv